# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru III**
**Illum il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 160/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Naser Behag**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Naser Behag talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' April, 1998 u fil-granet qabel din id-data: (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**3**) u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura id-droga erojina fi/jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh lil persuna li qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dependenza mid-droga, bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; (**4**) kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 9, liema kundizzjonijiet saru effettivi fl-20 ta' Lulju, 1995 u fl-1 ta' Jannar 1996; (**5**) kif ukoll li huwa recediv b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva fil-31 ta' Lulju, 1996;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Naser Behag hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tieni imputazzjoni, kif ukoll hati skond l-imputazzjonijiet numru erba' u hamsa, izda ma sabitux hati skond it-tielet imputazzjoni; dik il-qorti kkundannatu ghall-piena ta' <u>sitt xhur prigunerija</u> (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Behag ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) kif ukoll multa ta' <u>hames mitt lira</u> (Lm500) pagabbli b'rati mensili ta' mhux anqas minn hamsin lira (Lm50), bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu fil-kaz li huwa jonqos milli jhallas pagament wiehed, u liema multa hija konvertibbli fi tlett xhur prigunerija jekk huwa jonqos milli jhallasha; dik il-qorti kkundannatu wkoll ihallas is-somma ta' Lm28.25c spejjez peritali; fl-ahhar nett dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-dokumenti ezibiti a kura ta' l-ispizjar Mario Mifsud;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Naser Behag, minnu ppresentat fis-26 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat minn dawk l-imputazzjonijiet li taghhom instab hati;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi dana l-appell jirrisolvi ruhhu fi kwistjoni ta' kredibbilita`, u cioe` jekk ghandhiex titwemmen il-versjoni tal-fatti moghtija mix-xhud Doreen Bartolo jew dik moghtija mill-appellant, allura imputat. Bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax tali apprezzament. Huwa veru, kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, li mill-ezami tad-dokument NH2 – li kien jinkludi zewg siringi elevati mill-*Floriana Playing Fields* – ma nstabux tracci ta' erojina. Issa, dana l-fatt, fih innifsu, ma jfissirx necessarjament li ma intuzatx erojina mill-appellant u mill-imsemmija Bartolo. Jekk xhud jghid li ha jew li forna jew li nghata l-erojina (jew xi droga ohra), anke jekk ma jigux rilevati xjentifikament tracci ta' dik id-droga, qorti tista' taccetta bhala fatt li l-oggett li jkun ittiehed, li jkun gie fornut jew li jkun inghata kien effettivament erojina (jew dik id-droga ohra), kemm-il darba, s'intendi, il-qorti temmen lil dak li jkun u sakemm ma jkollhiex xi indikazzjoni li l-oggett in fatti seta' kien xi haga li mhix droga. Fil-kaz in dizamina, l-ewwel qorti emmnet dak li qalet l-imsemmija Doreen Bartolo, u cioe` li hija u l-appellant marru it-tnejn flimkien fil-gnien in kwistjoni (il-Furjana, quddiem l-Ambaxxata Taljana) b'pakkett erojina li kien xtara ftit qabel l-istess appellant, u hemm it-tnejn li huma abbuzaw minn din id-droga. Dik il-qorti ma emmnitx, invece, l-versjoni tal-appellant, u cioe` li hu kien silef hames liri lil Bartolo u flok ma joqghod jistenniha troddomlu lura, iddecieda li jithallas "in kind" billi jmur maghha ghal skopijiet ta' sess; li kien ghalhekk li kien mar maghha; u li kienet Bartolo biss li kienet abbuzat mid-droga fil-gnien. A propositu ta' dawn iz-zewg versjonijiet l-ewwel qorti qalet hekk fis-sentenza taghha:

"Illi l-Qorti minghajr tlaqlieq tikkonkludi li ghandha taghti affidament ghall-versjoni moghtija mit-tfajla u mhux mill-imputat. Hija semghet lil dawn jixhdu u, filwaqt li t-tfajla xehdet b'mod affidabbli, l-imputat ma kien xejn konvincenti. Il-fatt li t-tfajla setghet kienet impreciza fix-xiehda taghha ghal dak li jirrigwarda certu aspetti incidentali, dan il-fatt ma jimmilitax kontra din il-konkluzzjoni. In sostanza x-xiehda taghha hija, fil-fehma tal-Qorti, veritjera. Kien l-imputat li xtara d-droga u kien hu li sajjarha u li minnha hadet it-tfajla".

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha, ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti u konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur